MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2011

Appell Kriminali Numru. 297/2010

**Il-Pulizija**
**(Kummissarju John Rizzo)**
**Vs**
**John Galdes u Tony Zammit**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli

1) lil Tony Zammit talli fil-5 ta' Novembru, 1994 f'Hal Qormi kkommetta serq ta' karozza tal-ghamla 'Ford Capri' ta' kulur kannella, Nru, tar-Registrazzjoni T-4094 li l-valur tieghu jeccedi l-fuq minn Lm1,000 ghad-dannu ta' Anthony Cardona minn Hal Qormi, liema serq huwa kkwalifikat bil-mess, hin, valur u xorta tal-haga misruqa.
2) Lil John Galdes talli fl-istess cirkostanzi kien komplici fir-reat ta' serq billi b'kull mod li jkun, xjentement ghen jew assista lill-awtur tad-delitt fl-atti li bihom kienu ippreparati jew kunsmat dan id-delitt.

3) Lil Tony Zammit u John Galdes talli volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara hija ta' aktar minn hamsin (Lm50) lira, izda anqas minn hames mitt lira (Lm500, ghad-dannu ta' Anthony Cremona minn Hal Qormi.
4) lil Tony Zammit talli fit-18 ta' Mejju, 1994 fir-rabat kkommetta serq ta' karozza tal-ghamla Cortina 16E ta' kulur abjad, Nru, tar-Registrazzjoni G-2300 li l-valur taghha jeccedi l-fuq minn mitt lira (Lm100) ghad-dannu ta' Simon Aquilna mir-Rabat, liema serq huwa kkwalifikat bil-mess, hin, valur u xorta tal-haga misruqa.

5) Lil John Galdes talli fl-istess cirkostanzi kien komplici f'dan ir-reat ta' serq billi b'kull mod li jkun, xjentement ghen jew assista lill-awtur tad-delitt fl-atti li bihom kienu ippreparati jew kunsmat dan id-delitt.
6) Lil Tony Zammit u John Galdes talli fl-istess cirkostanzi msemmija hawn fuq, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, cioe' fil-karozza Nru. Tar-registrazzjoni G-2300, liema hsara hija ta' aktar minn hamsin (Lm50) lira, izda anqas minn hames mitt lira (Lm500), ghad-dannu ta' Simon Aquilina mir-Rabat.
7) lil Tony Zammit talli fl-1 ta' Lulju, 1994 fil-Hamrun kkommetta serq ta' karozza tal-ghamla 'Ford Escort' ta' kulur abjad, Nru, tar-Registrazzjoni S-7964 li l-valur taghha jeccedi l-fuq minn Lm1000 ghad-dannu ta' John Farrugia mill-Hamrun, liema serq huwa kkwalifikat bil-mess, hin, valur u xorta tal-haga misruqa.
8) Lil John Galdes talli fl-istess cirkostanzi kien komplici f'dan ir-reat ta' serq billi b'kull mod li jkun, xjentement ghen jew assista lill-awtur ta' dan id-delitt fl-atti li bihom kien gie ippreparat jew ikkunsmat dan id-delitt u cieo' dwar serq ta' karozza Nru. Tar-registrazzjoni S-7964 ghad-dannu ta' John Farrugia mill-Hamrun.
9) lil Tony Zammit talli f'Birkirkara madwar sena ilu kkommetta serq ta' karozza tal-ghamla 'Ford Escort' ta' kulur abjad, li l-valur taghha jeccedi l-fuq minn Lm1000 ghad-dannu ta' nies mhux maghrufa, liema serq huwa kkwalifikat bil-mess, hin, valur u xorta tal-haga misruqa.

10) Lil John Galdes talli fl-istess cirkostanzi msemmija hawn fuq huwa kien komplici f'dan ir-reat billi b'kull mod li jkun xjentement ghen jew assista lill-awtur tad-delitt fl-atti li bihom kien gie ippreparat jew ikkunsmat dan id-delitt.
11) lil Tony Zammit talli f'Hal Qormi madwar tlett xhur ilu, kkommetta serq ta' karozza tal-ghamla 'Ford Escort' ta' kulur ahmar, Nru. Tar-registrazzjoni mhux maghruf, li l-valur taghha jeccedi l-fuq minn Lm1000 ghad-dannu ta' nies mhux maghrufa, liema serq huwa kkwalifikat bil-mess, hin, valur u xorta tal-haga misruqa.
12) Lil John Galdes talli fl-istess cirkostanzi msemmija hawn fuq huwa kien komplici f'dan ir-reat billi b'kull mod li jkun xjentement ghen jew assista lill-awtur tad-delitt fl-atti li bihom kien gie ippreparat jew ikkunsmat dan id-delitt.

13) lil Tony Zammit talli f'Hal Qormi fit-19 ta' Mejju, 1992 kkommetta serq ta' karozza tal-ghamla 'Ford Escort' ta' kulur ahmar, Nru. tar-Registrazzjoni G-7604 li l-valur taghha huwa aktar minn Lm100, ghad-dannu ta' Mario Zammit minn Hal Qormi, liema serq huwa kkwalifikat bil-mess, hin, valur u xorta tal-haga misruqa.
14) Lil John Galdes talli fl-istess cirkostanzi msemmija hawn fuq huwa kien komplici billi b'kull mod li jkun xjentement ghen jew assista lill-awtur tad-delitt fl-atti li bihom kien gie ippreparat jew ikkunsmat dan id-delitt.
15) lil Tony Zammit talli f'Hal Qormi fis-26 ta' Novembru, 1994 kkommetta serq ta' karozza tal-ghamla 'Ford Escort' ta' kulur kannella, Nru. tar-Registrazzjoni S-2630 li l-valur taghha taccedi l-fuq minn Lm100, ghad-dannu ta' Marianne Felice minn Hal Qormi, liema serq huwa kkwalifikat bil-mess, hin, valur u xorta tal-haga misruqa.
16) Lil John Galdes talli fl-istess cirkostanzi imsemmia kien komplici billi b'kull mod li jkun xjentement ghen jew assista lill-awtur ta' dan id-delitt fl-atti li bihom kien gie ippreparat jew ikkunsmat dan id-delitt u cioe' dwar serq ta' karozza Nru. Tar-registrazzjoni S-2630 ghad-dannu ta' Marianne Felice minn Hal Qormi.
17) Lil Tony Zammit u John Galdes talli fl-istess cirkostanzi msemmija hawn fuq, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, cioe' fil-karozza Nru. S-2630, liema hsara hija

ta' aktar minn hamsin (Lm50) lira, ghad-dannu ta' Marianne Felice minn Hal Qormi.

18) lil Tony Zammit talli f'Hal Qormi fit-2 ta' Frar, 1994 kkommetta serq ta' karozza ta' kulur blue, Nru. tar-Registrazzjoni G-1788 tal-ghamla 'Ford Escort', li l-valur taghha taccedi l-fuq minn Lm100, ghad-dannu ta' Raymond Grech minn Hal Qormi, liema serq huwa kkwalifikat bil-mess, hin, valur u xorta tal-haga misruqa.

19) Lil John Galdes talli fl-istess cirkostanzi imsemmia kien komplici billi b'kull mod li jkun xjentement ghen jew assista lill-awtur ta' dan id-delitt fl-atti li bihom kien gie ippreparat jew ikkunsmat dan id-delitt u cioe' dwar serq ta' karozza Nru. Tar-registrazzjoni G-1788 ghad-dannu ta' Raymond Grech minn Hal Qormi.

20) lil Tony Zammit talli f'Hal Qormi fis-26 ta' Novembru, 1994 kkommetta serq ta' karozza tal-ghamla Cortina 16E ta' kulur kannella metallic, Nru. tar-Registrazzjoni G-0801, li l-valur taghha taccedi l-fuq minn Lm100, ghad-dannu ta' Philip Fenech minn Hal Qormi, liema serq huwa kkwalifikat bil-mess, hin, valur u xorta tal-haga misruqa.

21) Lil John Galdes talli fl-imsemmija cirkostanzi hawn kien komplici billi b'kull mod li jkun xjentement ghen jew assista lill-awtur ta' dan id-delitt fl-atti li bihom kien gie ippreparat jew ikkunsmat dan id-delitt u cioe' dwar serq ta' karozza Nru. tar-registrazzjoni G-0301 ghad-dannu ta' Philip Fenech minn Hal Qormi.

22) Lil Tony Zammit u John Galdes talli fl-istess cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, cioe' fil-karozza Nru. S-2630, liema hsara hija ta' aktar minn hamsin (Lm50) lira, ghad-dannu ta' Philip Fenech minn Hal Qormi.

23) Lil Tony Zammit talli f'San Giljan fl-10 ta' Novembru, 1994 kkommetta serq ta' karozza tal-ghamla 'Ford Cortina' ta' kulur kannella car, Nru. tar-Registrazzjoni D-9348, li l-valur taghha taccedi l-fuq minn Lm100, ghad-dannu ta' Jeffrey Callus minn San Giljan, liema serq huwa kkwalifikat bil-mess, hin, valur u xorta tal-haga misruqa.

24) Lil John Galdes talli fl-imsemmija cirkostanzi hawn kien komplici billi b'kull mod li jkun xjentement ghen jew assista lill-awtur ta' dan id-delitt fl-atti li bihom kien gie ippreparat jew ikkunsmat dan id-delitt u cioe' dwar serq ta'

karozza Nru. tar-registrazzjoni D-9348 ghad-dannu ta' Jeffrey Callus minn San Giljan.
25) Talli fl-istess cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, cioe' fil-karozza Nru. D-9348, liema hsara hija ta' aktar minn hamsin (Lm50) lira, ghad-dannu ta' Jeffrey Callus minn San Giljan.
26) lil Tony Zammit talli f'Hal Qormi fit-8 ta' Novembru, 1994 kkommetta serq ta' karozza tal-ghamla 'Ford Escort' ta' kulur kannella, Nru. tar-Registrazzjoni G-6966, li l-valur taghha taccedi l-fuq minn Lm100, ghad-dannu ta' Rosario Falzon minn Hal Qormi, liema serq huwa kkwalifikat bil-mess, hin, valur u xorta tal-haga misruqa.
27) Lil John Galdes talli fl-imsemmija cirkostanzi hawn kien komplici fis-serq tal-karozza Nru. tar-registrazzjoni G-6966 billi b'kull mod li jkun xjentement ghen jew assista lill-awtur ta' dan id-delitt fl-atti li bihom kien gie ippreparat jew ikkunsmat dan id-delitt.
28) Lil John Galdes u Tony Zammit talli fl-istess cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, cioe' fil-karozza Nru. G-6966, liema hsara hija ta' aktar minn hamsin (Lm50) lira, ghad-dannu ta' Rosario Falzon minn Hal Qormi.
29) lil Tony Zammit talli fl-Imqabba fit-2 ta' Dicembru, 1994 kkommetta serq ta' karozza tal-ghamla 'Ford Escort' ta' kulur kannella li jgib in-numru tar-Registrazzjoni G-1372, li l-valur taghha taccedi l-fuq minn Lm100, ghad-dannu ta' Vincent Camilleri mill-Imqabba, liema serq huwa kkwalifikat bil-mess, hin, valur u xorta tal-haga misruqa.
30) Lil John Galdes talli fl-imsemmija cirkostanzi hawn kien komplici fis-serq tal-karozza Nru. tar-registrazzjoni G-1372 billi b'kull mod li jkun xjentement ghen jew assista lill-awtur ta' dan id-delitt fl-atti li bihom kien gie ippreparat jew ikkunsmat dan id-delitt.
31) Lil John Galdes u Tony Zammit talli fl-istess cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, billi ghamlu hsara ta' madwar Lm10 fil-karozza numru tar-registrazzjoni G-1372, ghad-dannu ta' Vincent Camnilleri mill-Imqabba.

32) lil Tony Zammit talli fit-2 ta' Dicembru, 1994 f'Hal Qormi kkommetta serq ta' karozza tal-ghamla 'Ford Escort' li jgib in-numru tar-Registrazzjoni S-0471, li l-valur taghha taccedi l-fuq minn Lm100, ghad-dannu ta' Jimmy Farrugia minn Hal Qormi, liema serq huwa kkwalifikat bil-mess, hin, valur u xorta tal-haga misruqa.
33) lil Tony Zammit talli fit-2 ta' Dicembru, 1994 f'Hal Qormi kkommetta serq ta' karozza tal-ghamla 'Ford Escort' ta' kulur abjad li jgib in-numru tar-Registrazzjoni T-0902, li l-valur taghha jaccedi l-fuq minn Lm100, ghad-dannu ta' Emanuel Camilleri minn Hal Qormi, liema serq kien ikkwalifikat bil-mess, hin, valur u xorta tal-haga misruqa.
34) lil Tony Zammit talli fit-2 ta' Dicembru, 1994 f'Hal Qormi kkommetta serq ta' karozza tal-ghamla 'Ford Anglia ta' kulur kannella li jgib in-numru tar-Registrazzjoni A-7811, li l-valur taghha taccedi l-fuq minn Lm100, ghad-dannu ta' Paul Portelli minn Haz Zebbug, liema serq huwa kkwalifikat bil-mess, hin, valur u xorta tal-haga misruqa.
35) lil Tony Zammit talli fis-7 ta' Dicembru, 1994 f'Hal Qormi kkommetta serq ta' karozza tal-ghamla 'Ford Anglia ta' kulur kannella li jgib in-numru tar-Registrazzjoni A-7811, li l-valur taghha jaccedi l-fuq minn Lm100, ghad-dannu ta' Beatrice Azzopardi minn Hal Qormi, liema serq huwa kkwalifikat bil-mess, hin, valur u xorta tal-haga misruqa.
36) Lil Tony Zammit talli fl-imsemmija cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, billi ghamel hsara fil-karozza nru. A-7811, ghad-dannu ta' Beatrice Azzopardi ta' aktar minn Lm10.
37) lil Tony Zammit talli fis-16 ta' Novembru, 1994 f'Hal Qormi kkommetta serq ta' radio/cassette tal-ghamla 'pioneer' minn karozza tal-ghamla 'Anglia' li jgib in-numru tar-Registrazzjoni N-6936, li l-valur tieghu jaccedi l-fuq minn Lm100, ghad-dannu ta' Joseph Psaila minn Hal Qormi, liema serq huwa kkwalifikat bil-mess, hin, valur u xorta tal-haga misruqa.
38) Lil John Galdes talli fl-istess cirkostanzi hawn kien komplici fis-serq ta' dan l-istereo billi b'kull mod li jkun xjentement ghen jew assista lill-awtur ta' dan id-delitt fl-atti li bihom kien gie ippreparat jew ikkunsmat dan id-delitt.

39) lil Tony Zammit talli fis-sajf tas-sena l-ohra u cioe' 1994 f'Hal Safi ikkommetta serq ta' stereo u booster minn karozza tal-ghamla 'Opel' li jgib in-numru tar-Registrazzjoni C-2149, li l-valur taghhom jaccedi l-fuq minn Lm100, ghad-dannu ta' Mario Aquilna mis-Siggiewi, liema serq huwa kkwalifikat bil-mess, hin, valur u xorta tal-haga misruqa.
40) Lil John Galdes talli fl-istess cirkostanzi hawn kien komplici fis-serq ta' dan l-istereo u booster billi b'kull mod li jkun xjentement ghen jew assista lill-awtur ta' dan id-delitt fl-atti li bihom kien gie ippreparat jew ikkunsmat dan id-delitt.
41) lil Tony Zammit talli fis-sajf tas-sena l-ohra u cioe' 1994 f'Hal Safi ikkommetta serq ta' stereo u speakers minn karozza tal-ghamla 'Fiat' li l-valur taghhom jaccedi l-fuq minn Lm100, ghad-dannu ta' Paul Caruana minn Hal Safi, liema serq huwa kkwalifikat bil-mess, hin, valur u xorta tal-haga misruqa.
42) Lil John Galdes talli fl-imsemmija cirkostanzi hawn kien komplici fis-serq ta' l-istereo u speakers billi b'kull mod li jkun xjentement ghen jew assista lill-awtur ta' dan id-delitt fl-atti li bihom kien gie ippreparat jew ikkunsmat dan id-delitt.
43) Lil John Galdes talli f'dawn l-ahhar xhur, f'Malta xjentement leqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom.
44) Lil Tony Zammit talli matul dawn l-ahhar sentejn, ghal diversi drabi huwa saq karrozzi ta' diversi ghamli minghajr licenzja tas-sewqan u b'hekk ma' kienx kopert b'polza tas-sigurta kontra terzi persuni, kif ukoll talli saq l-imsemmija vetturi bi speed eccessiv, b'nuqqas ta' kont bi traskuragni jew b'mod perikoluz.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-15 ta' Gunju, 2010, li biha, fil-konfront ta' John Galdes, wara li rat l-artikoli 42(d), 18, 325(a), 261(b)(c)(f)(g), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 271, 278, 279, 280, 281 tal- Kodici Kriminali u fil-konfront ta' Tony Zammit biss l-artikoli 18, 325(a), 261(b)(c)(f)(g), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 271, 278, 279, 280, 281 tal-

istess Kodici Kriminali u fl-artikoli 4, 30 u 22 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, b'applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ordnat li l-appellati jigu liberati bil-kondizzjoni li ma jikkommettux reat iehor fi zmien sentejn. Dwar l-artikolu 533 ibdi, l-Qorti segwiet il-gurisprudenza vigenti fil-perjodu in kwistjoni f'dan ir-rigward u rat li ma tistax tordnalhom, lill-istess akkuzati li jhallsu l-ispejjez in kwistjoni in vista li l-esperti gew nominati waqt l-inkjesta relattiva.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fit-2 ta' Lulju, 2010, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi :

1. tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet htija fil-konfront tal-appellati;
2. tikkonfermaha f'dik il-parti fejn ma sabitx htija taht l-artikoli 330 u 334 tal-Kap. 9;
3. thassaraha u tirrevokaha fejn l-appellati gew illiberati mill-akkuzi li kisru kondizzjonijiet imposti fuqhom meta nghataw probation jew ordni ta' probation;
4. thassaraha u tirrevokaha fejn l-appellati gew illiberati bil-kundizzjoni li ma jikkommettux reat iehor fi zmien sentejn;
5. u minflok issib htija u tinfliggi l-piena idoneja skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedini penali aggornati tal-appellati esebiti mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant huwa s-segwenti w cioe':-
Illi l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kienet manifestament zbaljata u irragjonevoli meta giet biex tinfliggi l-piena kontra z-zewg appellati.

Illi fl-umli fehma ta' l-appellant il-"piena" li giet inflitta fuq iz-zewg appellati ma kienitx wahda idoneja u xierqa meta wiehed jikkonsidra s-serjeta` tar-reati li l-appellati nstabu hatja li wettqu. Dan huwa kaz fejn l-appellati, Anthony Zammit bhala l-awtur u John Galdes bhala komplici, wettqu sensiela kbira ta' serq ta' karozzi f'diversi inhawi

f'Malta. Fil-fatt l-appellati stqarru mal-Pulizija li huma kienu involuti fi sbatax il-serqa ta' karozzi u fi tliet serqiet ta' stereos minn gol-karozzi u dan apparti l-hsara li giet ikkagunata fuq l-istess karozzi.

Illi nonostante li nstabu hatja ta' dawn l-akkuzi kollha l-piena ta' "conditional discharge" ghal sentejn hija oggettivament piena manifestament zbaljata ghal dan il-kaz. Fil-konsiderazzjonijiet taghha l-Ewwel Qorti specifikat li erogat din il-piena ghaliex l-appellati kienu ta' eta` pjutost zghira meta kkommettew ir-reati imsemmija, li kkollaboraw mall-Ufficjal Investigattiv ta' dak iz-zmien John Rizzo u ghalhekk tathom l-ahhar opportunita` li jirriformaw ruhhom. L-appellant jargumenta li anke jekk l-appellati ghenu lil Pulizija fl-investigazzjonijiet taghhom, waqt il-proceduri dawn ma ammettew xejn izda anzi bil-kontra u kien hemm sensiela infinita ta' differimenti minhabba provi tad-difiza u dan wassal sabiex minn Settembru 1996 sa Ottubru 2000 ma sar xejn.

Illi ghandu jinghad ukoll li l-vittmi ta' dawn is-serqiet kollha ma jissemmew imkien. Fl-ghoti tal-piena l-gudikant irid johloq bilanc bejn ir-riforma tal-akkuzat u l-elementi deterrenti ta' l-istess piena. F'dan il-kaz ghalkemm wiehed jista` jargumenta li l-piena inflitta hija fil-parametri tal-ligi, madanakollu l-appellant ihoss li din kienet wisq u manifestament sproporzjonata favur iz-zewg appellati u ghalhekk manifestament zbaljata. Bl-ghoti ta' "conditional discharge" l-Ewwel Qorti naqset milli tiehu in konsiderazzjoni l-interessi tas-socjeta` u l-hsara u l-allarm li l-appellati kkagunaw lill-vittmi.

Illi l-Ewwel Qorti ma apprezzatx bizzejjed il-mod kif kienu jagixxu z-zewg appellati sabiex iwettqu l-agir u l-pjanijiet kriminali taghhom. Anthony Zammit u John Galdes ftiehmu bejniethom li wiehed jisraq il-karozzi u johodhom fil-garaxx tal-iehor u dan biex il-karozzi jigu zmantellati u jiehu minnhom il-parts. L-intenzjoni kriminali kienet ghalhekk wahda premeditata u ppjanata minn qabel. Zgur il-piena erogata ma tirriflettix il-gravita` ta' dan il-kaz fejn il-Qrati ghandhom l-obbligu li jzommu f'mohhom il-gid tas-socjeta` in generali, u li jkunu severi f'dan ir-rigward biex

il-piena sservi principalment ta' deterrent. Dawn it-tip ta' reati ghandhom jigu iccensurati bl-aktar mod sever u ghalhekk l-Ewwel Qorti kellha, fl-umli fehma ta' l-appellant, tirrifletti tali censura fil-piena li kellha infliggi.

Illi l-appellant jixtieq ukoll josserva li l-appellati gew akkuzati li kisru ordni ta' probation fil-25 ta' April, 1994 u nonostante li l-prosekuzzjoni esebit is-sentenza bhala prova ta' dan, l-Ewwel Qorti ddecidiet li tilliberahom minn din l-akkuza semlicement ghaliex ma tressqitx il-prova ta' l-identita`. Anki hawn l-appellant ma jaqbilx ma' l-Ewwel Qorti u dan ghaliex jekk wiehed iqabbel id-dettalji tal-appellati ma hemm l-ebda dubju li s-sentenza li giet esebita hija wahda fil-konfront tal-appellati ghaliex id-dettalji huma l-istess. Jigifieri anki hawn l-appellant ihoss li l-Ewwel Qorti kellha ssib htija dwar din l-akkuza wkoll u ghalhekk dan kien ikollu impatt dirett fuq il-piena nflitta wkoll.

Illi fis-sentenza l-Ewwel Qorti qalet li din hija l-ahhar opportunita` sabiex l-appellati jirriformaw ruhhom. Rigward din il-konsiderazzjoni l-appellant jghid li minn ezami tal-fedina penali aggornata taz-zewg appellati jidher li wara dan il-kaz huma instabu hatja ta' reati ohra mill-Qrati Maltin u b'mod partikolari fir-rigward ta' Anthony Zammit wiehed isib kif dan tista` tghid beda karriera fil-kriminalita` u li diga` kiser difrejh mal-ligi diversi drabi.

Ikkunsidrat:

L-ewwel haga li tolqtok f'din il-kawza hija t-tul taghha li hadet sabiex tigi deciza, sittax (16) -il sena shah. L-ewwel darba li l-appellati tresqu fil-Qorti kien fin-nineteen ninety four (1994) u l-kawza deciza fil-hmistax (15) ta' Gunju ta' l-elfejn u ghaxra (2010), sittax (16) –il sena illi minnhom ghaxar (10) snin il-kawza kienet qed tigi differita ghas-Sentenza. Veru illi minn Settembru tan-nineteen ninety six (1996) sa Ottubru tas-sena elfejn (2000) ma sar xejn minhabba sensila nfiniti ta' differimenti mitluba mid-difiza. Pero' xejn ma jista' jiggustifika dawk l-ghaxar (10) snin illi kawza tibqa' ghas-Sentenza. Ghamlu x'ghamlu l-appellati, serji kemm kienu serji r-reati addebitati lilhom

xejn ma jista jiggustifika dan it-tul ta’ zmien illi fih l-appellati baqghu fi stat ta’ limbu, ma jistghux jippjanaw il-hajja taghhom u jibqghu marbuta bil-kondizzjnijiet tad-digriet tal-liberta provvizorja, fosthom dik illi jirraportaw perjodikament l-ghassa tal-pulizija. Ghal sittax (16) –il sena shah, dawn baqghu jirraportaw u obdew id-digrieti tal-Qorti b’detriment personali kbir ghalihom. M’hemmx dubbju illi f’dan iz-zmien l-appellati ghaddew minn kalvarju shih u gie allegat mid-difiza illi Galdes tilef lis-siehba tieghu wara li din bdiet tifga fuq bicca ikel u ma setax jehodha l-isptar mall-ewwel qabel jikkomunika ma l-ghassa tal-pulizija biex javzahom illi minhabba dik l-emergenza kien se johrog mid-dar wara z-zmien impost fil-kundizzjoni tal-liberta provizorja. Jekk dana huwa minnu veru illi ma tistax tatribwixxi l-mewt ta’ persuna ghal din ir-raguni, pero’ hi x’inhi l-fatt illi jkollok restrizzjonijiet tal-hin bhal ma kellu l-appellat Galdes zgur illi kienet tberren f’mohhu f’dak il-hin ta’ emergenza daqshekk serja. Ma hemmx dubju illi d-dritt ta’ l-appellati illi jkollhom smieh xieraq fi zmien ragjonevoli gie serjament pregudikat. Mill-atti tal-kawza din il-Qorti ma tista ssib l-ebda gustifikazzjoni ghaliex din il-kawza kellha ddum dan iz-zmien kollu, aktar u aktar ghaxar (10) snin ghas-Sentenza. Din il-Qorti tifhem id-dikjarazzjoni tad-difiza waqt is-sottomissjoni ta’ dan l-Appell illi kemm id-difiza u l-prosekuzzjoni kienu qatghu qalbhom illi qatt jista jkollhom Sentenza f’dan il-kaz. Id-difiza infurmat lil din il-Qorti illi kien biss wara li hi u l-prosekuzzjoni avvicinat lil Qorti bi proposta b’atteggjament illi fl-ahhar giet deciza din il-kawza. Veru illi waqt illi atteggjamenti huma sanciti quddiem il-Qorti Kriminali, m’humiex quddiem il-Qorti tal-Magistrati u dana kien li kien illi nduca lill-Avukat Generali illi jintavola dan l-Appell.

Ikkunsidrat:

L-Avukat Generali beda mill-premessa illi filwaqt illi s-Sentenza kienet fil-parametri tal-Ligi deherlu illi stante l-gravita ta’ dan ir-reat, il-Qorti kellha tinfliggi piena effettiva u mhux dik ta’ conditional discharge. Veru illi l-appellati, principalment Tony Zammit, kienu addebitati b’sensiela ta’ kwazi erbgha u erbghin (44) serqa kollha minn karozzi

fejn wiehed jisraq il-karozzu, l-iehor jehodhom fil-garaxx tieghu u hemm hekk izarmahom ghall-parts. Ir-reat hu wiehed serju hafna u taht cirkostanzi normali s-sejbien ta' htija kellha verament timponi piena effettiva, izda dan il-kaz mhuwiex wiehed normali. It-tul ta' zmien illi hadet din il-kawza specjalment it-tul ta' zmien illi hadet biex tigi deciza, l-ksur evidenti ta' smieh xieraq fi zmien ragionevoli taghti lil din il-kawza xejra differenti u thares b'simpatija lejn il-kaz ta' l-appellati u thoss illi ma tistax issir gustizzja fil-konfront taghhom jekk ma tigix ikkonfermata s-Sentenza ta' l-ewwel Qorti. Dawn huma principalment Qrati ta' Gustizzja u filwaqt illi teknikament taht cirkostanzi ohra l-Avukat Generali ghandu ragun, il-gustizzja ma tigix imwetqqa jekk jigi maghmul dak li talab l-Avukat Generali. Tajjeb jew hazin il-piena hi fil-parametri tal-Ligi anke jekk ghall-grazzja ta' l-argument jigi ppruvat kif jider illi hu ppruvat l-addebitu tar-recediva.

Ghalhekk rigward il-piena l-principju regolatur hu li mhux normali illi tigi ddisturbata d-deskrizzjoni ta' l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-Ligi u ma jkunx xejn x'jindika illi kellha tkun inqas minn dak illi tkun fl-Att "Republika ta' Malta vs David Vella, erbatax (14) ta' Gunju nineteen ninety nine (1999), Republika ta' Malta vs Eleno sive' Lino Bezzina, erbgha u ghoxrin (24) ta' April, elfejn u tlieta (2003) u ohrajn." Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad l-Appell u tikkonferma s-Sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------